

31985R2589

14.9.1985

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 247/6

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2589/85  
tat-13 ta' Settembru 1985**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2264/69 dwar applikazzjonijiet għal rimbors ta' għajjnuna mogħtija minn Stati Membri lil organizzazzjonijiet ta' produtturi ta' frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħaxix <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1332/84 <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 449/69 tal-11 ta' Marzu 1969 dwar ir-imbors ta' għajjnuna mogħtija minn Stati Membri lil organizzazzjonijiet ta' produtturi ta' frott u ħaxix <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari Artikolu 7 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3284/83 <sup>(4)</sup> biddel l-arranġamenti li taħthom l-għajjnuna tingħata lil organizzazzjonijiet ta' produtturi ta' frott u ħaxix;

Billi l-formoli msemmija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 850/80 <sup>(5)</sup> għandhom għalhekk jiġu adattati in linja mad-dispożizzjonijiet ġodda;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu uniku*

Annessi I u II mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2264/69 <sup>(6)</sup> huma hawnhekk sostitwiti b'Annessi I u II ma' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Settembru 1985.

*Għall-Kummissjoni*

Frans ANDRIESEN

*Vċi-President*

<sup>(1)</sup> ĠU L 118, ta' 1-20.5.1972, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 130, tas-16.5.1984, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 61, tat-12.3.1969, p. 2.

<sup>(4)</sup> ĠU L 325, tat-22.11.1983, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 92, tad-9.4.1980, p. 5.

<sup>(6)</sup> ĠU L 287, tal-15.11.1969, p. 3.

## ANNEX I

**A. APPLIKAZZJONI GĦAL RIMBORS SKOND ARTIKOLU 36(2) TAR-REGOLAMENT (KEE)  
Nru 1035/72**

Stat Membru:.....

Nru tas-Serje	Organizzazzjoni tal-Produttur	Ammont ta' għajnuna mogħti skond Artikolu 14(1), (2) jew (3) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72
Għajnuna mogħtija għall-ewwel sena wara d-data ta' rikonoxximent		
Għajnuna mogħtija għat-tieni sena wara d-data ta' rikonoxximent		
Għajnuna mogħtija għat-tielet sena wara d-data ta' rikonoxximent		
Għajnuna mogħtija għar-raba' sena wara d-data ta' rikonoxximent		
Għajnuna mogħtija għall-ħames sena wara d-data ta' rikonoxximent		
Subtotali		
Għajnuna li tirrelata għal Artikolu 14(3)		
Għajnuna totali mogħtija		
Ammont li għandu jġi rimbursat		

**B. TABELLI LI JIRRELATAW GĦAL GĦAJNUNA MOGĦTIJA LIL ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUTTURI TAĦT ARTIKOLU 14(1), (2) U (3) TAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 1035/72**

Nru tas-serje <sup>(1)</sup>: .....

Organizzazzjoni tal-produtturi: .....

Data ta' rikonoxximent skond Artikolu 13 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72: .....

Numru ta' membri skond Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 449/69: .....

Ammont ta' għajnuna: .....

Data li fiha tingħata ..... l-għajnuna: ...

Għajnuna mogħtija għall-... sena wara d-data ta' rikonoxximent ta' l-organizzazzjoni tal-produttur

**B.1. Kalkolu tal-valur ta' produzzjoni imqiegħed fis-suq skond Artikolu 14(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72**

Prodotti <sup>(2)</sup>	Produzzjoni attwalment imqiegħda fis-suq skond l-ewwel inċiż tal-punt (b) ta' Artikolu 13(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72	Prezz medju ta' produttur	Il-Valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq
	19..	19..	

**B.2. Il-Kalkolu tal-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq skond Artikolu 14(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72**

Prodotti <sup>(2)</sup>	Produzzjoni mqiegħda fis-suq skond Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 449/69				Il-Prezz tal-produttur skond Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 449/69				Il-Valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 449/69
	19..	19..	19..	Medja ta' tlett senin	19..	19..	19..	Medja ta' tlett senin	
Total									

<sup>(1)</sup> Numerazzjoni konsekuttiva.

<sup>(2)</sup> F'din it-tabella il-prodott ifisser il-varjetajiet kollha ta' prodott wieħed: per eżempju, tuffieħ, lanġas .....

B.3. **Kalkolu ta' għajnuna**

Il-Valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq kif ikkalkolat fil-formola B. 1 u B. 2	L-għajnuna mssima bbażata fuq il-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq	Ammont ta' l-ispiża attwalita' formazzjoni u operazzjoni amministrattiva skond Artikolu 1 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 2118/78 <sup>(1)</sup> <sup>(2)</sup>	Ammont ta' għajnuna mogħtija skond Artikolu 14(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72	Osservazzjonijiet
		(a) (b) (c) (d) (e) (f) (g) (h)		
		Total		

<sup>(1)</sup> ĠUL 246, tat-8.9.1978, p. 11.

<sup>(2)</sup> Għandu jintuża biss għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jikkwalifikaw għal għajnuna skond Artikolu 14(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72.

B.4. **Il-Kalkolu ta' għajnuna skond Artikolu 14(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72**

Spejjeż li jirrelataw għal xogħol preparatorju	
Spejjeż li jirrelataw għat-tfassil ta' <i>memorandum</i> u artikoli ta' assoċjazzjoni	
Total	

Huwa kkonfermat li:

- l-organizzazzjoni msemmija fuq għandha permanenza adattata fir-rigward tad-dewmien u l-effettività ta' l-attivitajiet tagħha, skond Artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72,
- l-organizzazzjoni msemmija fuq, mid-data ta' rikonoxximent, iżżomm kontinwità speċifika fir-rigward ta' attivitajiet li għalihom hemm bżonn rikonoxximent, skond Artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72,
- il-valur tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq huwa kalkolat skond id-dispożizzjonijiet ta' (KEE) Nru 449/69 fl-implimentazzjoni ta' Artikolu 14(1) jew (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72,
- l-ammont ta' l-ispiża ta' formazzjoni jew operazzjoni amministrattiva msemmi f'Artikolu 14(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 ġie approvat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru <sup>(1)</sup>,
- fil-każ ta' għaqda, il-miri msemmija f'Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 jintlaħqu iktar effettivament,
- is-sistema li taħtha l-għajnuna tingħata in konformità ma' Artikolu 12(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3284/83,
- il-benefiċjarji ġew infurmati f'mod adattat bil-kontribuzzjoni Komunitarja.

Timbru u firma

\_\_\_\_\_

<sup>(1)</sup> Għandu jintuża biss għal organizzazzjonijiet tal-produtturi li jirċievu għajnuna għal ħames snin skond Artikolu 14 (1a) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72.

## ANNEX II

**INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA MILL-ISTAT MEMBRU LI TIRRELATA GĦAL ORGANIZZAZZJONIJET TAL-PRODUTTURI SKOND ID-DISPOZZJONIJET TA' ARTIKOLU 13 TAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 1035/72**

Stat Membru: .....

- Numru tas-serje <sup>(1)</sup> .....
- Organizzazzjoni tal-produttur (isem u indirizz): .....
- Huwa kkonfermat li d-data ta' rikonoxximent skond Artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 hija li ġej.....
1. B'liema mezz l-istabilizzazzjoni ta' prezzijiet hija assicurata fl-istadju ta' produzzjoni sabiex il-fornitura tiġi armonizzata mad-domanda?
  2. X'inhuma l-faċilitajiet tekniċi disponibbli għal produtturi għal prodotti ta' ppakkjar u tqegħid fis-suq?
  3. Kif inhu impost l-obbligu fuq il-produtturi tal-membri sabiex il-produzzjoni totali tagħhom tiġi fornita lill-organizzazzjoni tal-produttur prevista fir-regoli u applikata fil-prattika?
  4. Meta approprijat: X'inhuma l-kwantitajiet li produtturi tal-membri nfishom huma awtorizzati li jqiegħdu fis-suq mill-organizzazzjoni tal-produttur?
  5. X'inhuma r-regoli ta' produzzjoni applikati mill-organizzazzjoni tal-produttur (Ġabra fil-qosor)?
  6. X'inhuma r-regoli tat-tqegħid fis-suq applikati mill-organizzazzjoni tal-produttur (Ġabra fil-qosor)?
  7. X'inhuma r-regoli li jġiegħlu lil membri assoċjati bil-fors jgħaddu l-informazzjoni meħtieġa mill-organizzazzjoni fir-rigward ta' ħsad u disponibiltà?
  8. Fil-każ ta' għaqda, b'liema mod jintlaħħqu l-aħjar il-miri msemmija f'Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72?

<sup>(1)</sup> Numerazzjoni konsekuttiva.